# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2001.**

**Numru 18**

**Citaz. numru 951/97 GV**

**Joachin sive Jack u Nathalie konjugi Francica**

**vs**

**Michael u Rita konjugi Bonnici**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-30 ta' April 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza, li biha cahdet it-talbiet tal-atturi biex il-konvenuti jigu kundannati ihallsuhom danni konsegwenzjali ghall-hrug kontra taghhom ta' zewg mandati fuq l-istess kawzali.

**"Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi l-konvenuti ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 3191/95 kontra l-atturi ghall-valur ta' LM 5,600, liema mandat gie segwit bil-kawza fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 63/96NA liema kawza ghadha pendenti quddiem din il-Qorti;

Premess illi in segwitu, waqt li dan il-mandat kien ghadu veljanti, l-konvenuti fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar, 1997 ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru iehor fuq l-istess mertu ghal valur ta' LM6,000;

Premess illi a kawza ta' dan l-atturi sofrew danni kbar minhabba li gew imwaqqfa *overdraft facilities* li kellhu mill-Bank u danni ohra simili u konsegwenzjali kif jigi spjegat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi minhabba l-hrug ta' zewg mandati fuq l-istess kawzali,

2. tillikwida dawn id-danni,

3. tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma hekk likwidata,

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol 3;

Rat in-nota a fol 8;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 9 fejn eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza meta nhareg il-mandat ta' sekwestru numru 883/97 fl-ismijiet Michael Bonnici et vs Joachim Francica et ma kienx ghadu fis-sehh il-mandat ta' sekwestru numru 3191/95.

F'kull kaz it-talba ta' l-eccipjenti ma kienitx wahda li saret b'malizzja, frivola jew vessatorja u m'hemmx ir-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 836 (8) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex l-eccipjenti jigu misjuba responsabbli ghal danni allegatament sofferti mill-atturi.
Illi f'kull kaz, kwalsiasi danni li qeghdin jikkontendu li garrbu l-atturi huma htija taghhom u/jew tal-bank ikkoncernat.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ma garrbu l-ebda danni.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda nota ta' l-attur;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti

tiddikjara l-konvenuti responsabbili ghad-danni subiti mill-atturi minhabba l-hrug ta' zewg mandati fuq l-istess kawzali;

tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dawn id-danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa

li meta hareg il-mandat 883/97 ma kienx ghadu jsehh il-mandat 3191/95;
it-talba tal-konvenuti ma kienetx wahda maghmula b'malizzja, frivola jew vessatorja tant li jigu misjuba responsabbili ghal danni;
l-atturi ma garrbu ebda danni, u jekk garrbu dan kien tort taghhom jew tal-bank.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi t-talba ta' l-attur ghal danni hija bbazata fuq il-fatt li l-konvenuti hargu zewg mandati fuq l-istess kawzali u minhabba f'hekk il-bank zammlu l-overdraft facility li kellu u hu ma setghax ikompli jopera n-negozju tieghu.

Dr. Ellul xehed li kien inhareg il-mandat 883/97 ghas-somma ta' LM 6,000 in kawtela tal-pretensjonijiet tal-konjugi Bonnici. Dan il-mandat kien gie prezentat billi l-mandat precedenti numru 3191/95 fl-istess ismijiet kien tilef l-effett tieghu peress illi ma kienx gie prorogat fit-terminu stabilit mill-Ligi. Xi jiem wara hu gie avvicinat minn Dr. Azzopardi li nfurmah li kien hemm zewg

mandati fuq l-istess oggett. Hu qallu li ma setghax ikun ghax l-ewwel wiehed ma kienx ghadu in vigore. Hu ghalhekk ipprezenta kontro-mandat numru 1111/97.

Jigifieri li kien hemm teknikament zewg mandati in vigore bejn is-sitta w ghoxrin (26) ta' Frar 1997 meta nhareg it-tieni mandat u s-sbatax (17) ta' Marzu 1997 meta sar il-kontromandat fuq l-ewwel mandat. Qed jinghad teknikament billi fil-fatt l-ewwel mandat kien skada ghax ma kienx gie prorogat. L-ewwel mandat kien tilef l-effetti kollha tieghu.

Ghalhekk jekk l-attur jista jitlob danni huwa ghal dana l-perjodu biss, billi qabel meta sar l-ewwel mandat dana inhareg legalment u validament. L-attur qatt ma offra garanzija biex jigi revokat l-ewwel mandat.

Dwar id-danni li setgha sofra l-attur f'dan il-perjodu ikun utili li wiehed jara x'gara effettivament il-bank meta inhargu dawn il-mandati.

Victor Muscat xehed li l-attur kellu overdraft ta' LM 13,000 li kienu secured fuq fixed deposit. Fl-erbgha w ghoxrin ta' Novembru, 1995 (24/11/95) dahal sekwestru ghal LM5,697 u kellhom jiffrizaw il-kont. Imbaghad kien sar sekwestru iehor mill-istess nies fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Frar 1997 ghal ammont differenti. Il-kont kien ibblokkat u bit-tieni sekwestru l-kont baqa' ibblokkat. Meta nhareg l-ewwel sekwestru kienu baghtu ghall-klijent u kienu nizzlulu l-facilita' ghall-ammont li gie sekwestrat u kellu jopera bl-ammont li kien baqghalu. Kellu LM 7,000 biex jopera bihom. Bit-tieni sekwestru imbaghad il-kont kollu gie mblokkat u ma seta' jopera xejn. Meta rcevew it-tieni sekwestru kienu baghtu ghall-attur u dan kien qalilhom li kien inhareg bi zball. Imbaghad fis-sbatax (17) ta' Marzu 1997 ircevew kontromandat fuq l-ewwel sekwestru. Il-kont baqa' mblokkat bit-tieni sekwestru. Il-facilita' ta' LM7,000 li kellu fl-1995 baqghet l-istess fl-1997. Fis-sbatax (17) ta' Marzu 1997 l-attur ma kienx qed jaghmel uzu mill-facility, kien hemm biss income accruing.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li meta sar it-tieni sekwestru l-overdraft facility kienet intuzat kollha u l-mandat ma ssekwestra xejn. Il-bank ma tterminax il-facility minhabba it-tieni sekwestru 'mma billi l-facility ma kienetx qed topera u kienet intuzat.

Dwar id-danni li l-attur qed ighid li sofra apparti dak li diga nghad dwar it-terminazzjoni ta' l-overdraft facility l-attur ma gab ebda prova li fil-perjodu bejn meta hareg it-tieni mandat u l-kontromandat hu sofra xi danni. Li tghid biss li ma stajtx tkompli

tinnegozja mhiex prova ta' danni. Mhemm ebda prova ta' x'tilef jew kellu jbiegh.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi."

## L-AGGRAVJU TAL-APPELLANTI

L-aggravju tal-appellanti principalment hu msejjes fuq is-sottomissjoni illi filwaqt li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet ikkonkludiet illi waqt li kien hemm zewg mandati vigore, il-mandat ta' sekwestru li hareg l-ewwel kien skada, u allura kienu tilfu l-effetti tieghu, huma jsostnu li dak l-ewwel mandat kien baqa' veljanti visaviz il-bank huwa sekwestratarju. Dan ghaliex il-konvenuti ma talbux il-hrug tal-kontro-mandat qabel ma hargu t-tieni mandat.

Konsegwentement l-istess bank ma setghax jirrilaxxa flus ghaliex kellu biss l-ordni tal-Qorti li jzommhom. Dan kien ifisser li filwaqt li teknikament il-mandat ma kienx ghadu veljanti, fil-fatt kien u ghalhekk huma kienu gew imcahhda milli jkomplu joperaw l-overdraft facilities. Konsegwenza ta' dan l-agir l-attur kellu jieqaf milli jkompli jmexxi n-negozju tieghu. Kellu jimpjega ruhu u ghalhekk sofra danni.

## RISPOSTA

L-appellati kkontestaw dan l-aggravju. Fl-ewwel lok it-talba ghall-hlas ta' danni kellha tkun imsejsa minn wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12. Imkien f'dak l-artikolu ma jissemma' illi l-fatt li jkun hemm zewg mandati ta' sekwestru fis-sehh kien jipprovaha responsabbilita' ghal xi danni.

Inoltre huma jsostnu li jekk il-Bank of Valletta nehha l-facilita' tal-overdrafts lill-appellanti, huma bl-ebda mod ma kellhom htija ghal dan il-fatt. Jekk il-bank kellu l-policy li jissospendi l-overdraft facility appena jinhareg mandat ta' sekwestru, l-appellati ma setghu jigu addebitati bl-ebda responsabbilita' ghal htija ta' danni konsegwenzjali ghat-tali policy.

Inoltre l-appellati jissottomettu li meta nhareg it-tieni mandat fil-25 ta' Frar 1999, l-appellanti kienu diga' utilizzaw is-somma ta' sebat elef, tlett mija u hamsa u disghin lira mill-overdraft facility. Infatti l-bank isostni illi "Meta nhareg it-tieni sekwestru, s-Sur Francica <u>kien uza l-facility li kellu</u> ta' sebat elef lira Maltin". Dan ifisser li <u>ma kienx minnu</u> illi minhabba dan it-tieni sekwestru kien gie mwaqqaf l-overdraft facility. F'dak il-mument l-appellati kien diga' utulizzaw il-massimu ta' dan il-kont li kien tahom il-bank, u proprju ghalhekk f'din is-sentenza appellata jinghad illi "Minn dawn il-provi jirrizulta li meta sar it-tieni sekwestru, l-overdraft facility kienet intuzat kollha u l-mandat ma jissekwestra xejn. Il-bank

ma tterminax il-facility minhabba t-tieni sekwestru imma billi l-facility ma kienitx qed topera u kienet intuzat".

L-appellati inoltre finalment jissottomettu li ma tirrizultax il-prova f'kull kaz illi l-appellanti sofrew xi pregudizzju. L-istess appellanti xehed quddiem l-ewwel Qorti illi "L-ahhar boat li hdimt xi sentejn u nofs ilu kien wiehed kunjomu Testa. Kont ili xi sentejn u nofs ma nuzahom (il-facilita' tal-overdraft). Illi sentejn u nofs ma nahdem".

**RIKORS GHALL-BENEFICCJU TAL-CAUTIO GIURATORIA**

Fir-rikors tal-31 ta' Ottubru 2000, l-atturi appellanti wara li ppremettew li huma kienu gew notifikati bl-avviz biex jiddepozitaw bhala garanzija ghall-ispejjez ta' dan l-appell is-somma ta' Lm 691, u wara li premettew illi huma ma jistghux jaghmlu dan id-depozitu ghaliex flushom kienu sekwestrati mill-istess konvenuti in vista tali kawzi ohra fl-ismijiet inversi, li wkoll hija pendenti quddiem din il-Qorti, huma talbu li jinghatalhom il-beneficcju tal-garanzija bil-gurament fit-termini tal-artikolu 904 tal-Kap 12.

L-appellanti jopponu din it-talba fuq il-bazi illi l-fatt li kien hemm xi flejjes sekwestrati ma kienitx raguni valida biex wiehed jithalla jipprocedi minghajr ma jhallas il-garanzija li tinponi l-ligi. Is-sekwestru kien infatti sar wara li l-appellati skoprew id-difetti latenti fil-fond li akkwistaw

minghand l-appellanti. Sekwestru li kien segwit b'azzjoni fil-mertu li giet determinata b'sentenza tal-Prim'Awla tat-13 ta' April 2000, li laqghet it-talbiet taghhom. F'kull kaz l-appellati jsostnu li l-appellanti ma kellhomx probabilis causa litigandi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Din il-Qorti semghet lill-appellant jikkonferma bil-gurament li hu ma kienx f'posizzjoni li jiddepozita l-ammont determinat mir-Registratur in kawtela tal-ispejjez ta' dan l-appell. Dan ikkonfermah bil-gurament biex jissodisfa l-ewwel rekwisit tas-subinciz 1 tal-artikolu 904, li jipprovdi li hu kellu jahlef li ma rnexxielux igib dik il-garanzija li kienet mehtiega skond il-ligi.

Din il-Qorti anke jekk ghandha riservi serji fir-rigward tal-possibbilita' tal-appellanti li jipproducu din il-garanzija relattivament modesta, ikkonsiderati c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-negozju li qabel kien jiggestixxi l-appellant u l-facilitajiet bankarji li f'certu zmien kien ottjena minn bank lokali biex ikun jista' jiffinanzjah. Din il-Qorti allura ser tqis li l-appellanti issodisfaw dan ir-rekwisit ghax tifhem li seta' kien difficli ghalihom li jipproducu l-garanzija kif trid il-ligi.

It-tieni rekwisit li l-appellanti kien jinhtiegilhom jippruvaw kien li huma kellhom juru prima facie li kellhom probabilis causa litigandi. Din il-

Qorti kellha biss tinvestiga l-mertu biex tkun sodisfatta illi l-aggravju tal-appellanti kien jimmerita li jigi ulterjorment investigat biex jigi stabbilit jekk setghax jigi sostnut fil-fatt u fid-dritt. Din ukoll prima facie kienet tispetta lill-appellanti u kellha allura tirrizulta fl-ewwel lok, minn ezami tal-aggravju sottomess fir-rikors tal-appell, fid-dawl tal-konsiderandi tas-sentenza appellata u tar-rizultat sfrattwali pruvati quddiem l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti ezaminat dawn l-aspetti kollha. Mill-atti processwali iwassal ghall-konvinciment li ma kienet bl-ebda mod sodisfatta illi l-lanjanzi li ghandu l-appellanti kontra s-sentenza appellata kienu insostanza jiggustifikawhom milli intavolaw fil-prezenti istanza. Din il-Qorti qieset li ghal kull wiehed mill-aggravji hemm risposta cara u soddisfacenti in konsiderandi ta' l-ewwel Qorti li jirrizultaw ben fondati u pjenament jiggustifikaw il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Ma kienx mehtieg ghal din il-Qorti illi tinvestiga u tiddeciedi f'dan l-istadju kull ilment tal-appellanti fir-rigward tal-argumentazzjoni fis-sentenza appellata. Kien bizzejjed li din il-Qorti tasal ghall-konvinciment illi l-aggravju, kif propost, ma kienx iqanqal f'din il-Qorti dubbju ragjonevoli li s-sentenza appellata setghet ma kienitx gusta fil-fatt u fid-dritt.

Dubbju dan illi l-kaz taht ezami ma jokkorix lil din il-Qorti fejn ghall-kuntrarju tasal ghall-konvinciment, almenu prima facie, illi l-ewwel Qorti ma tistghax tasal ghall-konkluzjoni diversa minn dik li effettivament

waslet ghaliha. Bizzejjed jinghad illi l-appellanti ma rnexxielhom bl-ebda mod jirribattu s-sottomissjoni vitali tal-appellati illi, kienu x'kienu c-cirkostanzi meta nhareg it-tieni mandat, jirrizulta provat u bla ebda dubju illi fil-mument li fih il-bank sekwestratarju kien gie notifikat bih, l-appellanti kienu diga' ghal kollox ezawrew il-facilita' tal-overdraft illi kien disponibbli ghalihom f'dak il-kont.

Lanqas ma giet sensibbilment skossa il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti, illi l-appellanti ma rnexxielhomx jipprovaw illi huma sofrew danni bhala konsegwenza diretta tal-izball tekniku li l-appellanti addebitaw lill-appellati qua kredituri li prezentaw it-tieni mandat ta' sekwestru qabel ma kienu talbu r-revoka tal-iehor permezz tal-opportun kontro-mandat. Jibqa' wkoll ferm diskutibbili fil-ligi jekk kienx verament mehtieg illi jintalab il-hrug ta' kontro-mandat meta hu definittivament provat illi l-effetti tal-ewwel mandat kienu ex-lege skadew fid-dekors tat-terminu statutorju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tasal ghall-konvinciment illi l-appellanti ma rnexxielhomx jippruvaw ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li huma kellhom probabilis causa litigandi fit-termini tal-artikolu 904 tal-Kap 12. Billi jonqos allura wiehed mill-elementi essenzjali skond dan l-artikolu biex l-appellanti jinghataw dan il-beneficcju, l-Qorti qed tichad it-talba taghhom, bl-ispejjez kontra taghhom. L-appell qed jigi ghalhekk

dikjarat dezert in kwantu ma giex kawtelat fit-terminu. L-ispejjez kellhom ikunu a karigu tal-appellanti .

Dep/Reg

mg